SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

14 ta' Marzu 2014*

"Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni — Natura neċessarja tal-informazzjoni mitluba — Indizji suffiċjentement serji — Stħarriġ ġudizzjarju — Proporzjonalità"

Fil-Kawża T-296/11,

**Cementos Portland Valderrivas, SA,** stabbilita f'Pamplona (Spanja), irrappreżentata minn L. Ortiz Blanco, A. Lamadrid de Pablo u N. Ruiz García, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea,** irrappreżentata minn F. Castilla Contreras, C. Urraca Caviedes u C. Hödlmayr, bħala aġenti, assistiti minn A. Rivas, avukat,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2368 finali, tat-30 ta' Marzu 2011, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ 39520 – Siment u prodotti relatati),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Dittrich, President tal-Awla, I. Wiszniewska-Białecka u M. Prek (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Frar 2013,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-proċedura

1 Matul ix-xhur ta' Novembru 2008 u ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), diversi spezzjonijiet fil-bini ta' kumpanniji attivi fis-settur tas-siment. Dawn l-ispezzjonijiet kienu segwiti b'talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Ir-rikorrenti, Cementos Portland Valderrivas, SA, la kienet is-suġġett ta' spezzjoni u lanqas ta' talba għal informazzjoni.

2 B'ittra tas-17 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li tibgħatilha deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u kkomunikatilha l-abbozz ta' kwestjonarju li hija kien beħsiebha tehmeż ma' din id-deċiżjoni.

3 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2010, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar dan l-abbozz ta' kwestjonarju.

4 Fis-6 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li kienet iddeċidiet li tiftaħ proċedura skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tagħha kif ukoll fir-rigward ta' seba' kumpanniji oħra attivi fis-settur tas-siment, għal allegati ksur tal-Artikolu 101 TFUE li jikkonċernaw "restrizzjonijiet fil-flussi kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta' importazzjoni fiż-ŻEE li joriġinaw minn pajjiżi barra miż-ŻEE, tqassim tas-swieq, koordinazzjonijiet tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi konnessi fis-suq tas-siment u fis-swieq tal-prodotti relatati".

5 Fit-30 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2011) 2368 finali, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ 39520 – Siment u prodotti relatati) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata".

6 Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika li, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, sabiex tagħmel id-doveri assenjati lilha minn dan ir-Regolament, hija tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, tirrikjedi lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja (premessa 3 tad-Deċiżjoni kkontestata). Wara li fakkret li r-rikorrenti kienet ġiet informata bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u li r-rikorrenti kienet ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar abbozz ta' kwestjonarju (premessi 4 u 5 tad-Deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni talbet, permezz ta' deċiżjoni, kemm lir-rikorrenti kif ukoll lis-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u kkontrollati direttament jew indirettament minnha, jirrispondu għall-kwestjonarju li jidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni kkontestata, li jinkludi 94 paġna u li huwa kompost minn ħdax-il serje ta' mistoqsijiet (premessa 6 tad-Deċiżjoni kkontestata). L-istruzzjonijiet dwar ir-risposti għal dan il-kwestjonarju jidhru fl-Anness II tal-imsemmija deċiżjoni, filwaqt li l-mudelli ta' risposta li għandhom jintużaw jidhru fl-Anness III tal-istess deċiżjoni.

7 Il-Kummissjoni fakkret ukoll id-deskrizzjoni tal-allegati ksur, li tidher fil-punt 4 iktar 'il fuq (premessa 2 tad-Deċiżjoni kkontestata).

8 Filwaqt li għamlet riferiment għan-natura u għall-kwantità tal-informazzjoni mitluba kif ukoll għall-gravità tal-allegati ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni qieset li kien jixraq li r-rikorrenti tingħata terminu sabiex tingħata risposta ta' tnax-il ġimgħa għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet u ta' ġimagħtejn għal ħdax-il serje, dwar il-"Kuntatti u l-laqgħat" (premessa 8 tad-Deċiżjoni kkontestata).

9 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jaqra kif ġej:

"*Artikolu 1*

[Ir-rikorrenti], flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minnha, għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni, fil-forma mitluba fl-Anness II u fl-Anness III ta' din tal-aħħar, f'terminu sabiex tingħata risposta ta' tnax il-ġimgħa għall-mistoqsijiet 1 sa 10 u ta' ġimgħatejn għall-mistoqsija 11, b'effett min-notifika ta' din id-deċiżjoni. L-annessi kollha jiffurmaw parti integrali minn din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

[Ir-rikorrenti], flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u li huma kkontrollati direttament jew indirettament minnha, hija destinatarja ta' din id-deċiżjoni."

10 Fil-15 ta' April 2011, ir-rikorrenti kkomunikat ir-risposta tagħha għall-ħdax-il serje ta' mistoqsijiet. Fit-3 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni talbet preċiżazzjonijiet dwar din ir-risposta. Fl-4 u fil-31 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti rrispondiet lill-Kummissjoni.

11 Fid-9 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni tagħtiha dispensa mill-obbligu li tirrispondi għad-Deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tad-dannu finanzjarju kkawżat mill-ammont kunsiderevoli ta' xogħol li din kienet tinvolvi f'kuntest ekonomiku partikolarment gravi, u talbet, f'kull każ, estensjoni tat-terminu sabiex tingħata risposta.

12 Fid-19 ta' Mejju 2011, inżammet laqgħa bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u dawk tar-rikorrenti.

13 Fil-25 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni tagħtiha estensjoni ta' tmien ġimgħat fuq it-terminu sabiex tingħata risposta għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet jew, minn tal-inqas, li taċċetta risposta parzjali.

14 Fl-1 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti l-estensjoni mitluba u talbet lir-rikorrenti tindika preċiżament il-mistoqsijiet li fir-rigward tagħhom hija kienet tqis li kien meħtieġ terminu supplimentari.

15 Fis-7 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti talbet terminu sabiex tingħata risposta supplimentari ta' ġimagħtejn, sal-11 ta' Lulju 2011, għall-mistoqsijiet 1B, 3, 5, 9A u 9B.

16 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-10 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

17 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ppreżentat talba għal miżuri provviżorji, li fiha hija talbet lill-President tal-Qorti Ġenerali sabiex jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

18 B'ittra tat-23 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li kienu ġew konċessi lilha ħames ġimgħat supplimentari sabiex tirrispondi għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet, jiġifieri sat-2 ta' Awwissu 2011.

19 B'digriet tat-29 ta' Lulju 2011, Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni (T-296/11 R, mhux ippubblikata fil-Ġabra), il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji.

20 Fit-2 ta' Awwissu 2011, ir-rikorrenti pprovdiet ir-risposta tagħha għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet.

21 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

22 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali tal-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tas-6 ta' Frar 2013. Fit-tmiem tas-seduta, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma tagħlaqx il-proċedura orali.

23 Fil-25 ta' Marzu 2013, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-Kummissjoni tipprovdilha lista kif ukoll riassunt tal-indizji li fuq il-bażi tagħhom hija fetħet proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tar-rikorrenti.

24 Fil-11 ta' April 2013, il-Kummissjoni rrifjutat li tonera din it-talba. B'digriettal-14 ta' Mejju 2013, il-Qorti Ġenerali ordnat lill-Kummissjoni tipprovdilha l-lista tal-imsemmija indizji u r-riassunt tagħhom. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(3) tar-Regoli tal-Proċedura u sabiex jiġu kkonċiljati, minn naħa, il-prinċipju ta' kontradittorju u, min-naħa l-oħra, il-karatteristiċi tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari tal-proċedura fl-istadju fejn l-impriża kkonċernata ma għandha la d-dritt li tiġi informata bl-elementi essenzjali li fuqhom il-Kummissjoni qed tibbaża ruħha u lanqas id-dritt ta' aċċess għall-fajl, id-digriet tal-14 ta' Mejju 2013 illimita l-konsultazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni biss għall-avukati tar-rikorrenti u ssuġġettaha għall-kundizzjoni li jingħata impenn ta' kunfidenzjalità min-naħa tagħhom.

25 Il-Kummissjoni onorat din it-talba fit-terminu mogħti, billi pprovdiet lill-Qorti Ġenerali kemm il-lista kif ukoll riassunt tal-indizji li abbażi tagħhom hija fetħet proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tar-rikorrenti.

26 Fid-19 ta' Ġunju 2013, l-avukati tar-rikorrenti kkonsultaw id-dokumenti msemmija fil-punt 23 iktar 'il fuq fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali u ppreżentaw, fil-15 ta' Lulju 2013, l-osservazzjonijiet tagħhom fuq id-dokumenti pprovduti mill-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, fit-18 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni rrispondiet għall-osservazzjonijiet ppreżentati mill-avukati tar-rikorrenti.

27 Il-proċedura orali ngħalqet fit-27 ta' Settembru 2013.

## It-talbiet tal-partijiet

28 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

29 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

30 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan il-motiv huwa essenzjalment kompost minn erba' partijiet li jirrigwardaw, l-ewwel nett, l-allegata natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata, it-tieni nett, l-assenza tan-neċessità tal-informazzjoni mitluba, it-tielet nett, in-natura tal-informazzjoni mitluba u, ir-raba' nett, in-natura sproporzjonata tat-talba għal informazzjoni.

*Fuq l-ewwel parti tal-motiv wieħed, ibbażata fuq in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata*

31 Ir-rikorrenti essenzjalment tikkunsidra li s-sempliċi indikazzjoni ta' preżunzjoni ta' ksur fid-Deċiżjoni kkontestata ma tikkostitwixxix protezzjoni suffiċjenti kontra eżerċizzju abbużiv mill-Kummissjoni tal-poteri mogħtija lilha fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. Huwa neċessarju li din ikollha indizji tal-eżistenza ta' ksur. Issa, la d-Deċiżjoni kkontestata u lanqas il-kuntest tagħha ma jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni għandha tali indizji. Dan pjuttost juri li d-Deċiżjoni kkontestata hija

ta' natura esploratorja (fishing expedition) sa fejn din hija intiża sabiex jiġu identifikati eventwali indizji ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Ir-rikorrenti tipproponi wkoll li l-Qorti Ġenerali titlob il-komunikazzjoni tal-indizji li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni.

32 Il-Kummissjoni tfakkar li, abbażi tal-obbligu li hija għandha li timmotiva deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni, hija għandha ssemmi b'mod ċar il-preżunzjonijiet ta' ksur li trid tivverifika, iżda ma għandhiex tindika l-indizji li diġà għandha. Hija ssostni, barra minn hekk, li meta adottat id-Deċiżjoni kkontestata hija diġà kellha tali indizji.

33 Sabiex tingħata risposta għal din il-parti tal-motiv, għandu jitfakkar li l-proċedura amministrattiva abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, li tiżvolġi quddiem il-Kummissjoni, tinqasam f'żewġ fażijiet distinti u suċċessivi li kull waħda minnhom għandha loġika interna tagħha, jiġifieri fażi ta' investigazzjoni preliminari, minn naħa, u fażi kontenzjuża, min-naħa l-oħra. Il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li matulha l-Kummissjoni tuża s-setgħat ta' investigazzjoni previsti bir-Regolament Nru 1/2003, u li tasal sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija intiża li tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi rilevanti kollha li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u li tieħu pożizzjoni inizjali fuq l-orjentament tal-proċedura kif ukoll fuq kif għandha tipproċedi. Min-naħa l-oħra, il-fażi kontenzjuża li tkopri mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi b'mod definittiv fuq l-allegat ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, Ġabra p. II-1501, punt 47).

34 Minn naħa, f'dak li jirrigwarda l-fażi ta' investigazzjoni preliminari, din għandha bħala punt ta' tluq id-data meta l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-poteri mogħtija lilha mill-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, tadotta miżuri li jimplikaw l-akkuża li ġie mwettaq ksur u li jiddeterminaw konsegwenzi importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati. Min-naħa l-oħra, huwa biss fil-bidu tal-fażi amministrattiva kontradittorja li l-impriża kkonċernata hija informata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi essenzjali kollha li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha f'dan l-istadju tal-proċedura, u li din l-impriża għandha dritt ta' aċċess għall-fajl sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Konsegwentement, huwa biss wara li tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li l-impriża kkonċernata tkun tista' tinvoka kompletament id-drittijiet tad-difiża tagħha. Fil-fatt, li kieku dawn id-drittijiet ikunu estiżi għall-fażi ta' qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-effikaċja tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tkun kompromessa, peress li l-impriża kkonċernata tkun, diġà matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, f'pożizzjoni li tidentifika l-informazzjoni li hija magħrufa mill-Kummissjoni u, għalhekk, dik li għadha tista' tinħeba minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 48, u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Madankollu, il-miżuri istruttorji adottati mill-Kummissjoni matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, b'mod partikolari l-miżuri ta' investigazzjoni u t-talbiet ta' informazzjoni, jimplikaw min-natura tagħhom l-akkuża ta' ksur u jista' jkollhom riperkussjonijiet sinjifikattivi fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati. Għalhekk huwa importanti li jiġi evitat li d-drittijiet tad-difiża jkunu jistgħu jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli matul din il-fażi ta' investigazzjoni preliminari tal-proċedura amministrattiva billi l-miżuri istruttorji meħuda jista' jkollhom natura determinanti għall-istabbiliment tal-provi ta' natura illegali tal-aġir ta' impriżi li tista' timplika r-responsabbiltà tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859, punt 15, kif ukoll is-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punti 50 u 51).

36 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-obbligu li l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jimponi fuq il-Kummissjoni li tindika l-bażi legali u l-iskop tat-talba għal informazzjoni jikkostitwixxi rekwiżit fundamentali sabiex tirriżulta n-natura ġġustifikata tal-informazzjoni mitluba mingħand l-impriżi kkonċernati, iżda wkoll sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jifhmu l-portata tad-dover ta' kollaborazzjoni tagħhom filwaqt li jżommu, fl-istess ħin, id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Minn dan jirriżulta li

l-Kummissjoni tista' titlob biss informazzjoni li tista' tippermettilha li tivverifika l-preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw it-twettiq tal-investigazzjoni u li huma indikati fit-talba għal informazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, tat-12 ta' Diċembru 1991, SEP vs Il-Kummissjoni, T-39/90, Ġabra p. II-1497, punt 25, u tat-8 ta' Marzu 1995, Société Générale vs Il-Kummissjoni, T-34/93, Ġabra p. II-545, punt 40).

37 Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, ma jistax jiġi impost fuq il-kummissjoni l-obbligu li tindika, fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, minbarra l-preżunzjonijiet ta' ksur li hija trid tivverifika, l-indizji, jiġifieri l-elementi li jwassluha sabiex tikkonċepixxi l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, tali obbligu jipperikola l-bilanċ li l-ġurisprudenza tistabbilixxi bejn il-preżervazzjoni tal-effettività tal-investigazzjoni u l-preżervazzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata.

38 Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li l-Kummissjoni ma għandhiex ikollha elementi li jwassluha tikkonċepixxi l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

39 Fil-fatt, għandu jitfakkar li r-rekwiżit ta' protezzjoni kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtoritajiet pubbliċi fl-isfera ta' attività privata ta' kull persuna, indipendentement minn jekk din hijiex fiżika jew ġuridika, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-22 ta' Marzu 2012, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-458/09 u T-171/10, punt 81).

40 Issa, għall-finijiet tal-osservanza ta' dan il-prinċipju ġenerali, deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni għandha tkun intiża sabiex tinġabar id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tiġi vverifikata r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi speċifiċi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni diġà għandha informazzjoni li tikkostitwixxi indizji suffiċjentement serji li jippermettu suspett ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères, C-94/00, Ġabra p. I-9011, punti 54 u 55).

41 F'dan il-każ, ir-rikorrenti espliċitament talbet lill-Qorti Ġenerali tordna lill-Kummissjoni tipproduċi l-indizji li hija għandha sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tiżgura n-nuqqas ta' arbitrarjetà tad-Deċiżjoni kkontestata. Sabiex tiġġustifika tali talba, ir-rikorrenti tesprimi dubji dwar il-fatt li l-Kummissjoni kellha tali elementi ta' informazzjoni qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata. Hija tipproponi l-ipoteżi li l-Kummissjoni, pjuttost milli tivverifika r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi speċifiċi li fir-rigward tagħhom hija diġà għandha informazzjoni, qiegħda fir-realtà tfittex li tiskopri elementi li jistgħu jirriżultaw fl-iżvelar ta' ksur. Insostenn tal-argumenti tagħha, hija tibbaża ruħha fuq il-portata partikolarment wiesgħa tad-Deċiżjoni kkontestata li ġiet indirizzata lilha kif ukoll fuq iċ-ċirkustanza li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda spezzjoni fil-bini tagħha skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, u lanqas ma indirizzatilha talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(2) ta' dan l-istess Regolament.

42 Sa fejn ġiet adita b'talba f'dan is-sens u sa fejn ir-rikorrenti esponiet ċerti elementi li jistgħu jitfgħu dubju fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji li l-Kummissjoni kellha sabiex tadotta deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali tqis li hija għandha teżamina dawn l-indizji u tistħarreġ in-natura suffiċjentement serja tagħhom.

43 F'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tan-natura suffiċjentement serja ta' dawn l-indizji, din għandha titwettaq billi tittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li d-Deċiżjoni kkontestata tifforma parti mill-kuntest tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li hija intiża li tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi rilevanti kollha li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u li tieħu pożizzjoni inizjali fuq l-orjentament tal-proċedura kif ukoll fuq kif għandha tipproċedi. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tindirizza talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 jew li tagħmel spezzjonijiet skont l-Artikolu 20 ta' dan l-istess Regolament. Għaldaqstant, f'dan l-istadju ma jistax jiġi mistenni li l-Kummissjoni jkollha, qabel

l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni, elementi li juru l-eżistenza ta' ksur. Għalhekk, huwa suffiċjenti li l-imsemmija indizji jkunu ta' natura tali li joħolqu suspett raġonevoli dwar is-seħħ ta' preżunzjonijiet ta' ksur, sabiex il-Kummissjoni jkollha d-dritt li titlob li tiġi pprovduta lilha informazzjoni supplimentari permezz ta' deċiżjoni adottata abbażi tal-l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

44 Fir-risposta tagħha għad-digriet tal-14 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni kkomunikat lill-Qorti Ġenerali l-indizji li hija kellha li, skontha, kienu jiġġustifikaw l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

45 Mill-qari tar-riassunt ipprovdut mill-Kummissjoni, kif ukoll mis-siltiet ta' indizji li jinsabu fih, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni setgħet validament tindirizza deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni lir-rikorrenti u dan fir-rigward tal-preżunzjonijiet kollha ta' ksur imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata. Dawn huma speċifikati fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni kkontestata u jikkonċernaw "restrizzjonijiet fil-flussi kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta' importazzjoni fiż-ŻEE li joriġinaw minn pajjiżi barra miż-ŻEE, tqassim tas-swieq, koordinazzjonijiet tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi konnessi fis-suq tas-siment u fis-swieq tal-prodotti relatati".

46 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, ir-restrizzjonijiet fil-flussi kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta' importazzjoni fiż-ŻEE li joriġinaw minn pajjiżi barra miż-ŻEE, il-Qorti Ġenerali tqis li r-riferiment magħmul fir-riassunt u s-siltiet mid-dokument [kunfidenzjali] setgħu leġittimament iwasslu lill-Kummissjoni sabiex tfittex li tikseb informazzjoni dwar l-aġir tar-rikorrenti. Dan jgħodd ukoll fir-rigward tad-daħliet fir-riassunt u s-siltiet mid-dokument [kunfidenzjali].

47 Barra minn hekk, jirriżulta, mir-riassunt u mis-siltiet mid-dokument [*kunfidenzjali*]. Għandu jiġi kkonstatat li tali dokument seta' raġonevolment iwassal sabiex il-Kummissjoni tissuspetta l-parteċipazzjoni [*kunfidenzjali*] tar-rikorrenti fi prattiki ta' restrizzjoni tal-flussi kummerċjali.

48 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-preżunzjonijiet ta' ksur ikkostitwiti minn tqassim tas-swieq, diversi kategoriji ta' elementi prodotti mill-Kummissjoni jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji sabiex jippermettulha tindirizza lir-rikorrenti talba għal informazzjoni f'dan ir-rigward. L-ewwel nett, l-ipoteżi sostnuta mill-Kummissjoni li jeżisti prinċipju ta' tqassim tas-swieq [*kunfidenzjali*].

49 It-tieni nett, għandu jiġi osservat li [*kunfidenzjali*]. Dan huwa wkoll il-każ fir-rigward tad-dokument [*kunfidenzjali*]. Dan jgħodd ukoll għad-dokument [*kunfidenzjali*].

50 It-tielet nett, il-Kummissjoni essenzjalment tirreferi għal [*kunfidenzjali*].

51 Fir-raba' u l-aħħar nett, f'kuntest fejn il-Kummissjoni kellha [*kunfidenzjali*].

52 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, il-prattiki ta' koordinazzjoni tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi oħra relatati msemmija fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni kkontestata, [*kunfidenzjali*]. L-ewwel nett, [*kunfidenzjali*].

53 It-tieni nett, id-dokument [*kunfidenzjali*].

54 It-tielet nett, il-Kummissjoni setgħet leġittimament tiddeduċi mir-riferiment magħmul fir-riassunt u mis-siltiet mid-dokument [*kunfidenzjali*].

55 Fir-raba' u l-aħħar nett jista' wkoll jiġi raġonevolment dedott, mir-riassunt u mis-siltiet mid-dokument [*kunfidenzjali*].

56 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni kellha indizji suffiċjentement serji li kienu jippermettulha li tipprova tikseb informazzjoni supplimentari min-naħa tar-rikorrenti fir-rigward tal-preżunzjonijiet kollha ta' ksur elenkati fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni kkontestata.

57 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata mill-argument espost fl-osservazzjonijiet dwar ir-risposta tal-Kummissjoni għall-miżuri istruttorji.

58 Dan l-argument huwa bbażat, essenzjalment, fuq in-nuqqas ta' qbil bejn l-interpretazzjonijiet tal-indizji magħżula mill-Kummissjoni. Għalhekk, pereżempju, huwa sostnut li [*kunfidenzjali*].

59 Għandu jiġi kkonstatat li tali argument ma jiħux inkunsiderazzjoni l-kuntest partikolari li minnu tifforma parti d-Deċiżjoni kkontestata sa fejn dan jista' jitqies li, fir-realtà, isostni li l-elementi magħżula mill-Kummissjoni ma humiex tali li juru l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-preżunzjonijiet ta' ksur msemmija fid-Deċiżjoni kkontestata. Issa, għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 43 iktar 'il fuq, ħlief bi ħsara għall-kull effettività għall-poteri mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, tali turija ta' parteċipazzjoni ma tistax tiġi imposta fuq il-Kummissjoni. Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza li l-elementi magħżula jistgħu jkunu s-suġġett ta' interpretazzjonijiet li ma jaqblux bejniethom, ma tipprekludix li dawn jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 40 iktar 'il fuq, meta l-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni tidher plawżibbli.

60 Barra minn hekk, tiġi wkoll enfasizzata ċ-ċirkustanza li [*kunfidenzjali*].

61 Fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost iktar 'il fuq, hemm lok li l-ewwel parti tal-motiv tiġi miċħuda.

*Fuq it-tieni parti tal-motiv wieħed, ibbażata fuq l-assenza tan-neċessità tal-informazzjoni mitluba*

62 Ir-rikorrenti essenzjalment tikkontesta n-neċessità, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003, tal-informazzjoni mitluba abbażi tad-Deċiżjoni kkontestata. L-argument tagħha jista' jinqasam f'żewġ ilmenti. Fil-kuntest tal-ewwel ilment tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata tinkludi diversi eżempji ta' informazzjoni li ma jikkorrispondux ma' dan ir-rekwiżit ta' neċessità, sa fejn dawn ma humiex relatati mal-preżunzjonijiet ta' ksur imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata. Fil-kuntest tat-tieni lment, ir-rikorrenti tikkontesta n-neċessità tal-informazzjoni mitluba li diġà tinsab f'idejn il-Kummissjoni jew li hija pubblikament disponibbli. Fl-aħħar nett, fl-osservazzjonijiet fuq ir-risposta tal-Kummissjoni għall-miżuri istruttorji tal-Qorti Ġenerali, hija tressaq it-tielet ilment li jirrigwarda n-neċessità tat-talba għal informazzjoni mitluba, ibbażata fuq l-allegazzjoni li ma teżistix rabta bejn l-indizji f'idejn il-Kummissjoni u l-kwestjonarju li ntbagħtilha.

63 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tal-motiv tiġi miċħuda.

64 F'dak li jirrigwarda l-ilment imqajjem fil-kuntest tal-osservazzjonijiet fuq ir-risposta tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali tqis li dan għandu jiġi immedjatament miċħud. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li tali lment, għalkemm huwa ammissibbli abbażi tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura, sa fejn dan huwa bbażat fuq punti ta' fatt li għalihom ir-rikorrenti ma kellhiex aċċess fid-data tal-preżentata tar-rikors, madankollu dan ma jikkorrispondix mar-rekwiżiti tal-Artikolu 44(1)(ċ) ta' dawn l-istess regoli, sa fejn dan jillimita ruħu għal kritika ġenerali u ma jispjegax ir-raġunijiet speċifiċi għaliex ma jeżistux rabtiet bejn il-kwestjonarju u l-indizji li l-Kummissjoni għandha. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-ilment ma huwiex suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti li l-konvenuta tipprepara d-difiża tagħha u li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar ir-rikors, jekk ikun il-każ mingħajr informazzjoni addizzjonali insostenn tar-rikors, u għandu għalhekk jiġi ddikjarat inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Mejju 1998, Mo och Domsjö vs Il-Kummissjoni,

T-352/94, Ġabra p. II-1989, punti 333 u 334). Fl-aħħar nett, inkwantu dan l-ilment huwa bbażat fuq l-argument żviluppat sabiex jiġi kkontestat il-valur probatorju tal-indizji prodotti mill-Kummissjoni, dan għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 43 sa 59 iktar 'il fuq.

Fuq il-kontestazzjoni tan-neċessità ta' ċerta informazzjoni mitluba fid-dawl tal-preżunzjonijiet li l-Kummissjoni trid tivverifika

65 Kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 36 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tista' titlob biss informazzjoni li tista' tippermettilha li tivverifika l-preżunzjonijiet ta' ksur li jiġġustifikaw it-twettiq tal-investigazzjoni u li huma indikati fit-talba għal informazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi SEP vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar 'il fuq, punt 25, u Société Générale vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar 'il fuq, punt 40).

66 Fid-dawl tas-setgħa ta' investigazzjoni u ta' verifika wiesgħa tal-Kummissjoni, hija din li għandha tevalwa n-neċessità tal-informazzjoni li hija titlob mingħand l-impriżi kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1982, AM & S Europe vs Il-Kummissjoni, 155/79, Ġabra p. 1575, punt 17; Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, Ġabra p. 3283, punt 15). F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ li l-Qorti Ġenerali twettaq ta' din l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" għandu jiġi interpretat skont l-għanijiet li fid-dawl tagħhom is-setgħat investigattivi inkwistjoni ngħataw lill-Kummissjoni. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' korrelazzjoni bejn it-talba għal informazzjoni u l-ksur preżunt jiġi sodisfatt meta, f'dan l-istadju tal-proċedura, l-imsemmija talba tista' tiġi leġittimament ikkunsidrata bħala li għandha relazzjoni mal-ksur preżunt, fis-sens li l-Kummissjoni tista' raġonevolment tippresupponi li d-dokument ser jgħinha sabiex tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur allegat (sentenzi SEP vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar 'il fuq, punt 29, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 42).

67 Il-Qorti Ġenerali tosserva li l-uniċi mistoqsijiet li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti tesprimi dubju dwar in-neċessità tagħhom għal din ir-raġuni huma l-mistoqsijiet 5, punt AG, u 5, punt AH, li permezz tagħhom hija tintalab tipprovdi, għall kull sit ta' produzzjoni ta' kull waħda mill-kumpanniji tagħha, minn naħa, l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju ($CO_2$) f'tunnellati attribwibbli għas-sit inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, il-prezz medju tad-drittijiet ta' emissjoni ta' $CO_2$ effettivament użati għall-installazzjoni inkwistjoni.

68 Il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikorrenti ma kkontestatx id-dikjarazzjoni li tinsab fir-risposta tal-Kummissjoni li tgħid li l-emissjonijiet ta' $CO_2$ jikkostitwixxu wieħed mill-iktar elementi importanti tal-ispiża ta' produzzjoni tas-siment, li min-naħa tiegħu jikkostitwixxi wieħed mill-iktar elementi importanti tal-prezz applikat lill-klijenti u lill-konsumaturi.

69 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li waħda mill-preżunzjonijiet ta' ksur investigata mill-Kummissjoni tikkonsisti fl-eventwali koordinazzjoni tal-prezzijiet bejn impriżi kompetituri. Issa, għandu jiġi kkonstatat li informazzjoni dwar wieħed mill-komponenti prinċipali tal-prodotti kkonċernati tista' leġittimament titqies li hija relatata ma tali preżunzjoni ta' ksur.

70 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

Dwar il-kontestazzjoni tan-neċessità ta' ċerta informazzjoni mitluba fid-dawl tal-fatt li din diġà tinsab f'idejn il-Kummissjoni jew hija ta' natura pubblika.

71 Ir-rikorrenti essenzjalment issostni li l-komunikazzjoni ta' informazzjoni li diġà tinsab f'idejn il-Kummissjoni jew li hija ta' natura pubblika ma tistax titqies li hija neċessarja fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003.

72 Huwa ċertament minnu li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98, T-212/98 sa T-214/98, Ġabra p. II-3275, punt 425), enfasizzat li t-talbiet għal informazzjoni intiżi għall-ksib ta' informazzjoni dwar dokument li diġà jinsab f'idejn il-Kummissjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ġġustifikati min-neċessità tal-investigazzjoni.

73 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma kinitx is-suġġett ta' talbiet għal informazzjoni preċedenti skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Għaldaqstant, il-kwestjonarju li jikkostitwixxi l-Anness I tad-Deċiżjoni kkontestata ma jistax, f'kull każ, jitqies li jimponi fuq ir-rikorrenti l-obbligu li tikkomunika informazzjoni li diġà kienet f'idejn il-Kummissjoni.

74 Fir-rigward tal-kritika bbażata fuq il-fatt li ċerta informazzjoni mitluba hija magħrufa pubblikament u, għalhekk, aċċessibbli mill-Kummissjoni mingħajr ma jkun neċessarju li hija tordna l-komunikazzjoni tagħha, għandu jiġi osservat li l-uniku eżempju msemmi mir-rikorrenti huwa dak dwar il-"kodiċi postali relatati ma indirizz speċifiku".

75 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li tali informazzjoni tikkostitwixxi s-suppliment loġiku ta' informazzjoni magħrufa unikament mir-rikorrenti. Għaldaqstant, l-eventwali natura pubblika tagħha ma hijiex tali li tipprekludi li din tista' titqies li hija neċessarja fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003.

76 Għalhekk, it-tieni lment u għaldaqstant it-tieni parti tal-motiv, għandhom jiġu miċħuda.

*Fuq it-tielet parti tal-motiv wieħed, dwar in-natura tal-informazzjoni mitluba*

77 Ir-rikorrenti essenzjalment issostni li l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jawtorizza lill-Kummissjoni li mingħand l-operaturi ekonomiċi titlob biss l-informazzjoni jew id-data li huma għandhom iżda ma jawtorizzahiex tordna lil impriża tipproċessa din l-informazzjoni sabiex tippreżentaha f'format li jiffaċilita x-xogħol tal-Kummissjoni u, għalhekk, li tiffabbrika l-provi li l-Kummissjoni beħsiebha tuża kontriha.

78 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tal-motiv tiġi miċħuda.

79 Għandu jitfakkar li skont il-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003, il-"Kummissjoni għandha jkollha s-saħħa madwar [l-Unjoni] li tirrekwiżixxi l-informazzjoni li tiġi mogħtija kif neċċessarju biex tiskopri xi ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma projbiti mil-Artikolu [101 TFUE] jew xi abbuż ta' posizzjonijiet dominanti projbiti mil-Artikolu [102 TFUE]". Din il-premessa tipprovdi wkoll li "[m]eta qed taqbel ma deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impriża ma tistax tiġi sfurżata li tammetti sar xi [l-impriżi ma jistgħux jiġu mġegħla jammettu li wettqu] ksur, imma huma obligati li jwieġbu għad-domandi b'mod fattwali u jipprovdu dokumenti, anki jekk din l-infromazzjoni tista' tiġi użata biex jiġi stabbilit kontrijhom jew kontra xi impriża oħra l-eżistenza ta' xi ksur".

80 Għaldaqstant, il-provvista ta' "informazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 ma tfissirx biss il-produzzjoni ta' dokumenti iżda wkoll l-obbligu li tingħata risposta għal mistoqsijiet dwar l-imsemmija dokumenti, il-Kummissjoni ma hijiex limitata biss għall-kwistjoni tal-produzzjoni ta' data li teżisti indipendentement minn kull intervent tal-impriża kkonċernata. Għalhekk, hija għandha l-possibbiltà li tagħmel lil impriża mistoqsijiet li jinvolvu l-formalizzazzjoni tad-data mitluba (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon għas-sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, punt 66 iktar 'il fuq, Ġabra p. I-3301, punt 55).

81 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-użu ta' din il-possibbiltà huwa suġġett għall-osservanza ta' mill-inqas żewġ prinċipji. Minn naħa, kif imfakkar fil-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003, il-mistoqsijiet magħmula lil impriża ma jistgħux jġiegħeluha tammetti li wettqet ksur. Min-naħa

l-oħra, it-tweġib tal-imsemmija mistoqsijiet ma għandux jirrappreżenta piż sproporzjonat meta mqabbel mal-ħtiġijiet tal-investigazzjoni (sentenzi SEP vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar ’il fuq, punt 51; Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, punt 72 iktar ’il fuq, punt 418, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar ’il fuq, punt 81).

82 F’dan il-każ, għalkemm ma huwiex sostnut li ċerti mistoqsijiet magħmula lir-rikorrenti jimponulha l-obbligu li tagħti tweġibiet li bihom hija tiġi mġiegħela tammetti l-eżistenza tal-ksur li għandu jiġi pprovat mill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tinvoka n-natura sproporzjonata tal-piż li t-tweġib tal-kwestjonarju jpoġġi fuqha. Sa fejn din il-kritika hija sovrapposta għar-raba’ parti tal-motiv, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, din ser tiġi eżaminata fil-kuntest ta’ dik il-parti.

83 Bla ħsara għal punt preċedenti, it-tielet parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda.

*Fuq ir-raba’ parti tal-motiv wieħed, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità*

84 Fil-kuntest ta’ din il-parti, ir-rikorrenti essenzjalment tikkontesta n-natura sproporzjonata tax-xogħol li tinvolvi d-Deċiżjoni kkontestata fid-dawl, l-ewwel nett, tal-portata u tal-livell ta’ dettall tal-informazzjoni mitluba kif ukoll tan-neċessità li din tiġi pprovduta f’format speċifiku, it-tieni nett, tat-terminu sabiex tingħata r-risposta u, it-tielet nett, tal-effett tagħha fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-effett globali ta’ dawn id-diversi elementi għandu, f’kull każ, iwassal lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li jeżisti ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

85 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tal-motiv tiġi miċħuda.

86 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li t-talbiet għal informazzjoni indirizzati mill-Kummissjoni lil impriża għandhom josservaw il-prinċipju ta’ proporzjonalità u li l-obbligu impost fuq impriża li tipprovdi informazzjoni ma għandux jirrappreżenta għaliha oneru sproporzjonat meta pparagunat man-neċessitajiet tal-investigazzjoni (sentenzi SEP vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar ’il fuq, punt 51; Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, punt 72 iktar ’il fuq, punt 418, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar ’il fuq, punt 81).

87 Fil-kuntest tal-ewwel ilment, ir-rikorrenti tikkritika l-portata u l-livell ta’ dettall eċċessiv tal-informazzjoni mitluba kif ukoll il-format li fih għandha tingħata r-risposta impost mill-Kummissjoni. Hija tagħmel riferiment, bħala eżempju, għall-mistoqsija 1B, sa fejn din timplika li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha dwar ix-xiri nazzjonali kollu magħmul mill-impriżi kollha kkontrollati mir-rikorrenti fir-rigward ta’ ħames prodotti (siment, CEM I bl-ingrossa, clinker, aggregati u siment bil-gagazza tal-kalkara ta’ funderija mrammla u misħuqa [ground granulated blast furnace slag] kif ukoll siment bil-gagazza tal-kalkara ta’ funderija mrammla u misħuqa) fuq perijodu ta’ għaxar snin u timponi li r-risposta tkun imqassma abbażi ta’ sebgħa u tletin parametru.

88 Ċertament, ma jistax jiġi validament ikkontestat li l-informazzjoni mitluba abbażi tal-kwestjonarju, b’mod partikolari l-mistoqsija 1B tiegħu, hija kunsiderevoli, lanqas ma jista’ jiġi kkontestat il-livell għoli ta’ preċiżjoni mitlub għal din l-informazzjoni. Ma hemm ebda dubju li għar-rikorrenti t-tweġib ta’ dan il-kwestjonarju kien jimplika oneru partikolarment kunsiderevoli.

89 Madankollu, ma jistax jiġi konkluż li dan l-oneru huwa ta’ natura sproporzjonata fid-dawl tan-neċessitajiet tal-investigazzjoni marbuta b’mod partikolari mal-preżunzjonijiet ta’ ksur li l-Kummissjoni trid tivverifika u maċ-ċirkustanzi tal-proċedura preżenti.

90 F’dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jitfakkar li d-Deċiżjoni kkontestata tifforma parti minn proċedura li tikkonċerna “restrizzjonijiet fil-flussi kummerċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet ta’ importazzjoni fiż-ŻEE li joriġinaw minn pajjiżi barra miż-ŻEE, tqassim

tas-swieq, koordinazzjonijiet tal-prezzijiet u prattiki antikompetittivi konnessi fis-suq tas-siment u fis-swieq tal-prodotti relatati". Għandu jiġi kkonstatat li l-kamp ta' applikazzjoni partikolarment wiesa' kif ukoll il-gravità tal-preżunzjonijiet ta' ksur li qed jiġu investigati mill-Kummissjoni huma ta' natura tali li jiġġustifikaw il-provvista ta' ammont kunsiderevoli ta' informazzjoni.

91 It-tieni nett, għandu wkoll jitfakkar li d-Deċiżjoni kkontestata tifforma parti minn investigazzjoni dwar prattiki li jirrestrinġu l-kummerċ li jinvolvu, minbarra lir-rikorrenti, seba' kumpanniji oħra li joperaw fis-suq tas-siment. Għalhekk, fid-dawl tal-kwantità ta' informazzjoni li għandha tingħabar, ma jidhirx li huwa sproporzjonat li l-Kummissjoni timponi li r-risposti jiġu pprovduti f'format li jippermetti l-ipparagunar tagħhom.

92 Għaldaqstant, dan l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

93 Fil-kuntest tat-tieni lment ir-rikorrenti tenfasizza n-natura sproporzjonata tat-termini sabiex tingħata risposta ta' tnax-il ġimgħa u ġimagħtejn, rispettivament għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet u għall-ħdax-il serje ta' mistoqsijiet, fid-dawl tal-kwantità ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta.

94 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Hija tfakkar li r-rikorrenti bbenefikat minn 17-il ġimgħa, u mhux tnax kif inizjalment previst, sabiex tipprovdi risposta għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet.

95 Il-Qorti Ġenerali tosserva, preliminarjament, li, għalkemm matul il-proċedura amministrattiva r-rikorrenti talbet lill-Kummissjoni tagħtiha estensjoni fir-rigward tat-terminu sabiex tingħata risposta ta' tnax-il ġimgħa impost għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet, hija ma għamlitx tali talba fir-rigward tal-ħdax-il serje ta' mistoqsijiet, u dan huwa suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita n-natura suffiċjenti ta' dan it-terminu fir-rigward tagħha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Mejju 1998, Finnboard vs Il-Kummissjoni, T-338/94, Ġabra p. II-1617, punt 54).

96 Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura eventwalment sproporzjonata tal-oneru li jinvolvi l-obbligu li tingħata risposta għall-ewwel għaxar serje ta' mistoqsijiet f'terminu ta' tnax-il ġimgħa, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li r-rikorrenti, inkwantu destinatarja ta' deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, mhux biss talli kienet esposta għar-riskju li tiġi suġġetta għal multa jew għal pagamenti ta' penalità fil-każ li tipprovdi informazzjoni inkompleta jew tardiva jew fil-każ li tonqos milli tipprovdi informazzjoni, skont, rispettivament, l-Artikolu 23(1)(b), u l-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament Nru 1/2003, iżda talli kienet ukoll esposta għall-impożizzjoni ta' multa fil-każ fejn tipprovdi informazzjoni li l-Kummissjoni tikklassifika bħala ineżatta jew "qarrieqa", skont l-Artikolu 23(1)(b) tal-imsemmi regolament.

97 Minn dan jista' jiġi dedott lil-eżami ta' kemm it-terminu previst mid-deċiżjoni ta' talba għal informazzjoni huwa xieraq għandu importanza partikolari. Fil-fatt, l-imsemmi terminu għandu jkun jista' jippermetti li d-destinatarju mhux biss jipprovdi materjalment risposta, iżda wkoll li jiżgura ruħu min-natura kompluta, eżatta u mhux qarrieqa tal-informazzjoni pprovduta.

98 Ċertament, hekk kif diġà ġie espost fil-punt 88 iktar 'il fuq, ma jistax jiġi miċħud li l-ammont ta' informazzjoni mitluba kif ukoll il-format partikolarment eżiġenti li fih kellhom jiġu trażmessi t-tweġibiet, jirrappreżentaw ammont ta' xogħol partikolarment kunsiderevoli.

99 Madankollu, il-Qorti Ġenerali tqis li r-rikorrenti, fid-dawl tal-mezzi għad-dispożizzjoni tagħha marbuta mad-daqs ekonomiku tagħha, setgħet raġonevolment tiġi kkunsidrata f'pożizzjoni li tipprovdi risposta li tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt 97 iktar 'il fuq fit-terminu mogħti, terminu li barra minn hekk ġie finalment estiż għal sbatax-il ġimgħa.

100 Għaldaqstant, dan it-tieni lment għandu jiġi miċħud.

101 Fil-kuntest tat-tielet ilment ir-rikorrenti tenfasizza l-ħsara li hija sofriet minħabba l-ammont ta' xogħol involut fir-risposta għall-kwestjonarju u tfakkar li talbet li tiġi eżentata mill-obbligu li tirrispondih. Lil hinn mill-ispiża finanzjarja, it-tfassil tar-risposta kellu wkoll l-effett negattiv li jimmobilizza u li jipparalizza r-riżorsi amministrattivi tagħha f'sitwazzjoni ekonomika partikolarment diffiċli għas-settur tas-siment, u b'mod partikolari għar-rikorrenti.

102 L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-ispiża finanzjarja li r-rikorrenti sofriet sabiex tirrispondi għall-kwestjonarju, għandu jitfakkar li ġie deċiż, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 88 sa 91 iktar 'il fuq, li l-oneru involut fit-tweġib tal-imsemmi kwestjonarju ma kienx manifestament eċċessiv fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża. Issa, l-eventwali daqs tal-ispiża finanzjarja li kienet tinvolvi l-imsemmija risposta huwa biss riflessjoni ta' dan l-oneru. Għaldaqstant, minkejja l-eventwali daqs kunsiderevoli tagħha, bħala tali, l-imsemmija spiża finanzjarja ma hijiex tali li tikkonferma l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

103 It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' paraliżi tar-riżorsi amministrattivi tar-rikorrenti, huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat li din għandha n-natura ta' sempliċi dikjarazzjoni li ma hija konnessa ma' ebda prova vera u proprja. Fil-fatt, l-uniku anness iddedikat għal din il-kwistjoni, l-Anness A 13, huwa kompost minn tabella waħda fejn ir-rikorrenti tipprovdi lista mqassma skont is-suġġetti tal-ispejjeż li hija tiddikjara li sofriet sabiex tirrispondi għall-kwestjonarju u tan-numru ta' sigħat li ġew iddedikati għaliha. Fiha nnifisha din ma tippermettix li tintwera l-materjalità tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-paraliżi tar-riżorsi amministrattivi tagħha.

104 Għaldaqstant, dan it-tielet ilment għandu jiġi miċħud.

105 Fl-aħħar nett, fil-kuntest tar-raba' lment, ir-rikorrenti ssostni li l-effett globali tal-portata u tal-livell ta' dettall tal-informazzjoni mitluba, tal-obbligu li din tiġi pprovduta f'format vinkolanti, tan-natura tal-informazzjoni mitluba, tal-qosor tat-terminu sabiex tingħata risposta u tal-ispiża finanzjarja involuta kellu, f'kull każ, iwassal sabiex il-Qorti Ġenerali tikkonstata l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

106 Il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, tali argument ma jistax jiġi milqugħ.

107 Fil-fatt, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 102 iktar 'il fuq, l-ispiża finanzjarja kunsiderevoli allegata mir-rikorrenti hija biss riflessjoni tal-oneru li kien jinvolvi t-tweġib tal-kwestjonarju. Issa, sa fejn, minn naħa, l-imsemmi oneru ġie kkunsidrat bħala li ma huwiex ta' natura manifestament eċċessiva fid-dawl tal-preżunzjonijiet ta' ksur li l-Kummissjoni trid tivverifika u, min-naħa l-oħra, sa fejn it-terminu finalment mogħti kien jippermettilha tissodisfa dan l-oneru, jirriżulta li l-allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità għandha neċessarjament tiġi miċħuda.

108 Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, ir-raba' parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda u għaldaqstant ir-rikors għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

109 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Cementos Portland Valderrivas, SA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.**

Dittrich | Wiszniewska-Białecka | Prek

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Marzu 2014.

Firem